# Il-Muskolu kollu demm ta' 'Il-Jien u Lilhinn Minnu'[1]

Immanuel MIFSUD, M.Ed.
*Dipartiment tal-Malti, il-Junior College tal-Università ta' Malta*
e-mail: immanuel.mifsud@um.edu.mt

**Abstract:** *Dan l-artiklu jagħti ħarsa lejn l-istorja tad-dikotomija bejn il-qalb u l-moħħ, dikotomija li tikkaratterizza l-poema 'Il-Jien u Lilhinn Minnu' ta' Dun Karm Psaila. Din il-ħarsa storika turi li l-għażliet li għamel Dun Karm jirriflettu qagħdiet politiċi li l-għeruq tagħhom imorru lura sekli sħaħ.*

**Keywords:** *Dun Karm, 'Il-Jien u Lilhinn Minnu', il-qalb, il-moħħ*

Fil-ġisem uman għaddejjin kważi mitt elf kilometru ta' tubi li minnhom jgħaddu ftit aktar minn sebat elef litru ta' likwidu ħamrani kuljum, ippumpjati minn muskolu li jiżen madwar 300 gramma.[2] Dan il-muskolu, aktar minn muskoli oħrajn, xegħel il-fantasija ta' ħafna kittieba, studjużi, u xjentisti li ħarsu lejh biex jistudjawh; filwaqt li nies oħrajn użawh bħala metafora jew bħala messaġġ ideoloġiku u politiku. Ix-xjenza, inklużi l-ewwel tentattivi tagħha, il-filosofija u r-reliġjon, poġġew lil dan il-muskolu f'konfront ma' organu ieħor, b'forma ta' pastarda, li l-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu għadhom misterjużi sal-lum. Fost il-ftit affarijiet li nafu dwar dan l-organu hemm il-meravilja li miegħu għandu mqabbda sistema kumplikatissima ta' nervituri li jiddeterminaw l-attivitajiet l-aktar sempliċi, komuni, u ordinarji tal-ġisem li qiegħed jospita kemm lil dan l-organu u kemm lill-muskolu speċjali msemmi qabel. Dan l-organu jikkonnettja xejn inqas minn mitt biljun ċellola tan-nervituri.[3]

Il-qalb u l-moħħ, kemm separatament, u kemm meta – kif inhu ħafna drabi l-każ – jitqiegħdu flimkien, għandhom storja: il-bniedem bidel il-perċezzjoni tiegħu ta' dawn iż-żewġ organi bħalma bidel il-perċezzjoni tiegħu dwar ġismu fit-totalità tiegħu. Din il-perċezzjoni nbidlet għal raġunijiet diversi: ma kinux biss it-titwiliet li l-akbar kurżitajri taw fl-iġsma tal-mejtin, imma kienu wkoll l-iżviluppi soċjali u

[1] Verżjoni mqassra ta' dan l-artiklu nqrat fil-Berġa ta' Kastilja fl-okkażjoni tas-sebgħin anniversarju mill-pubblikazzjoni ta' 'Il-Jien u Lilhinn Minnu' ta' Dun Karm Psaila, fl-4 ta' Diċembru 2008, fuq stedina tal-Kumitat Festi Nazzjonali.

[2] R. Winston (ed.) *Illustrated Encyclopedia of the Human*, Londra, 2008, p. 78.

[3] B. Dubuc, 'The Brain from Top to Bottom', http://thebrain.mcgill.ca/flash/d/d_01/d_01_cr/d_01_cr_ana/d_01_cr_ana.html, 2002 (moqri 15-xi-2008).

fuq kollox dawk politiċi li sawru l-istorja tal-qalb, tal-moħħ, tal-ġisem uman.

Dan għandu jgħinna nirrealizzaw li meta Dun Karm, fix-xogħol l-aktar matur tiegħu, 'Il-Jien u Lilhinn Minnu', jirreferi għal dawn iż-żewġ partijiet tal-ġisem, jantropomorfizzahom, jużahom bħala metafori jew simboli, qiegħed jinfilsa f'xogħlu ideoloġija sħiħa li għandha storja hija wkoll – bdiet xi darba u żviluppat skont iċ-ċirkustanzi tal-mument. F' 'Il-Jien u Lilhinn Minnu' Dun Karm ilaqqa' lil dawn iż-żewġ partijiet tal-ġisem kontinwament; ġeneralment jantropomorfizzahom billi jagħtihom ġens, jagħtihom karattru u mġiba individwali, jagħtihom bijografija li tlaqqagħhom u żżommhom flimkien, jirrakkonta l-mumenti differenti tar-relazzjoni pjuttost imqallba ta' bejniethom, joħloq mappa ta' vjaġġ li jimxu t-tnejn flimkien (anki jekk għal paritjiet twal mifruda minn xulxin), saħansitra jagħtihom burdati differenti. Il-qalb u l-moħħ huma l-essenza tal-Jien li Dun Karm jitkellem fuqu meta dan qiegħed ifittex l-essenza tal-Lilhinn Minnu.

Dan l-istudju se jikkonċentra fuq il-qalb u fuq ir-relazzjoni tagħha mal-moħħ. L-idea hija li jiġi mistħarreġ l-għala Dun Karm iħares lejn dawn iż-żewġ naħat tal-personalità tiegħu bil-mod li jħares lejhom, anzi qabel xejn l-għala jħares lejhom bħala żewġ naħat, f'relazzjoni dikotomika.

## Il-Poema

Fil-poema l-qalb tissemma tlieta u għoxrin darba, ħafna drabi (mhux dejjem) f'relazzjoni mal-moħħ. Dawn it-tnejn m'humiex f'sintonija bejniethom u, minkejja l-ammirazzjoni li Dun Karm juri lejn il-fakultajiet intellettwali tal-bniedem, hija ħaġa ovvja li l-pożizzjoni tiegħu xxaqleb lejn il-qalb. Il-moħħ jieħu karatteristiċi pjuttost suppervi filwaqt li fil-qalb jispikkaw l-umiltà u l-manswetudni. Dawn il-karatteristiċi, bi spirtu tipikament Nisrani, huma msoqqija bit-tbatija li l-qalb tidher għaddejja minnha l-ħin kollu tal-poema. Hija appuntu l-ewwel dehra tagħha, propju fl-ewwel ftit versi tax-xogħol, li turi din il-karatteristika: il-qalb tixxebbah ma' warda mdawra bix-xewk:

> u ddawwarha bin-niket, bħalma ż-żraġen
> tax-xewk u tal-għolliq idawru x-xitla
> tal-ward u johonquha. (vv. 8–10)

Din it-tixbiha ma tistax ma tfakkarx fl-ikonografija Kristjana, partikolarment fix-xbihat tal-Qalb ta' Ġesù li wkoll juru qalb b'kuruna tax-xewk imdawra magħha. Il-Qalb ta' Ġesù hija xbieha importanti għaliex tixħet dawl fuq l-istorja tal-qalb kif żvolġiet fl-Ewropa Nisranija matul is-snin. L-ikonografija Nisranija – u allura dik li ddominat l-Ewropa – filwaqt li hija mgħobbija bi xbihat tal-Qalb ta' Ġesù (u ta' Marija) ma turi ebda xbieha tal-Moħħ Imqaddes ta' Ġesù (jew ta' Marija). Ix-xbihat ta' Kristu jżomm qalbu tħabbat, inkurunata bix-xewk

u tħeġġeġ in-nar, jew minfuda bi stallett, jew anki b'salib jistrieħ bejn l-arterji, huma bosta,[4] iżda xbihat bi Kristu jiftaħ rasu biex jesponi moħħu ma jeżistux. Din l-osservazzjoni jagħmilha wkoll Scott Manning Stevens, li jżid li dan huwa l-każ minkejja li l-istudjużi Ewropej ilhom minn tmiem is-seklu sbatax jirrikonoxxu l-moħħ bħala ċ-ċentru tal-attivitajiet mentali, inklużi l-emozzjonijiet u x-xewqat.[5] Il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha storja antika, għalkemm diversi studjużi jirreferu għal Santa Marija Margerita Alacoque bħala l-persuna li, flimkien mal-Ġiżwita Ġwanni Eudes, fasslet il-liturġija tal-Qalb ta' Ġesù. Alacoque (1647–90) beda jkollha viżjonijiet tal-Qalb Imqaddsa f'Diċembru 1673: qalb tiddi, imdawra b'kuruna tax-xewk, midruba bid-daqqa tal-lanza fil-kustat, b'salib fuqha. Wara din l-ewwel dehra hija allegat li Ġesù ordnalha xxerred il-qima lejn qalbu. U hawnhekk jitfaċċa l-kult tal-Qalb ta' Ġesù.[6] M'għandniex xi ngħidu, Santa Marija Margerita Alacoque ma bdietx hi l-venerazzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù; qabilha kienu ħafna l-qaddisin li tkellmu u faħħru l-Qalb Imqaddsa, fosthom Bonaventura, Tumas t'Akwinu, Ildegarda von Bingen, Getrude ta' Helfta, Ġuljana ta' Norwich, u oħrajn.[7] Jidher li fost il-mistiċi u l-qaddisin nisa, il-qima lejn il-qalb feruta ta' Kristu u d-demm inixxi minnha kienet kbira ħafna, kif juru numru ta' kitbiet u xi tpinġijiet anonimi ta' sorijiet merfugħa mis-seklu sittax.[8]

Kif se jiġi interpretat dan il-kult tal-Qalb ta' Ġesù li eskluda għal kollox il-qima lejn il-Moħħ Imqaddes, meta x-xjenza kienet diġà qiegħda tqis il-moħħ bħala ċ-ċentru tal-attivitajiet intellettwali tal-bniedem, inklużi l-emozzjonijiet u x-xewqat? Jekk il-mediċina ntebħet sa minn kmieni li l-organu ċentrali tal-bniedem huwa l-moħħ, x'kien li wassal lill-Knisja li tibqa' tħares lejn il-qalb bħala metafora tal-innifsi?

Il-ħsieb Galeniku li, minkejja l-iżbalji kbar tiegħu, baqa' jinfluwenza x-xjenza medika sas-seklu sittax, segwa lil dak Platoniku fil-qasma tar-ruħ fi tliet forzi. Fir-raba' ktieb ta' *Ir-Repubblika*, Platun jispjega kif ruħ il-bniedem hija organizzata fl-aptit, li jinsab fiż-żaqq; il-passjoni, li tinsab fis-sider; u r-raġuni, li tinsab fil-moħħ.[9] Il-ħsieb Platoniku kien ikkuntrarjat minn dak ta' Aristotli li fid-*De Anima*, jikteb li r-ruħ tinsab fil-ġisem kollu, iżda l-aktar li hi preżenti huwa fil-qalb. Dawn il-pożizzjonijiet kellhom jinfluwenzaw l-akbar trattati mediċi u filosofiċi tal-Antikwità, tal-Medju Evu, u ta' oħrajn li nkitbu wara, b'influwenzi diretti fuq Galen innifsu,

[4] Forsi waħda mix-xbihat l-aktar magħrufa hija dik ta' Pompeo Batoni (1708 –87) meqjuma fil-kappella tal-Qalb ta' Ġesù, fil-knisja tal-Ġesù, Ruma (ara www.chiesadelgesu.org).

[5] S. Manning Stevens, 'Sacred Heart and Secular Brain', f'David Hillman u Carla Mazzaio (edi), *The Body in Parts: Fantasies of Corporeality in Early Modern Europe*, New York, 1997, pp. 263–82.

[6] Ara L. Young, *The Book of the Heart*, Londra, 2002, pp. 203–11.

[7] Manning Stevens, p. 263.

[8] R.Gilchrist, 'Unsexing the Body: Interior sexuality of Medieval religious women', f'Robert A. Schmidt u Barbara L. Voss (edi), *Archaeologies of Sexuality*, Londra, pp. 97–9.

[9] Platun iressaq l-istess klassifikazzjoni fil-*Phaedrus* u t-*Timaeus*.

Ibn Sinā (jew kif inhu aktar magħruf fil-Punent, Avicenna), u oħrajn. Għalkemm fid-dinja Kristjana l-qalb dejjem gawdiet simpatija akbar mill-moħħ (għal raġunijiet li se jintwerew aktar 'il quddiem) il-kunflitt bejn il-qalb u l-moħħ (jidher li l-fwied ma baqax meqjus bħala organu importanti tar-ruħ) baqa' għaddej għal sekli sħaħ.

Filwaqt li l-mediċina kienet qiegħda tipponta lejn is-superjorità tal-moħħ bħala organu fuq il-qalb, il-Kristjaneżmu (l-istess bħall-Islam u l-Ġudaiżmu) kien qiegħed iħares lejn il-qalb bħala ċ-ċentru tal-bniedem. Jekk kien hemm argument xjentifiku li kellu jxaqleb il-miżien lejn il-moħħ, kien l-iskoperta taċ-ċirkulazzjoni tad-demm minn William Harvey.[10] Barra li kkoreġew it-teorija Galenika (li d-demm il-ħin kollu jispiċċa u jibda demm ġdid), il-kitbiet ta' Harvey dwar iċ-ċirkulazzjoni wrew li l-qalb kienet sempliċiment pompa li tippompja 'l barra d-demm u terġa' tieħdu lura biex terġa' tibda dan iċ-ċiklu mingħajr waqfien, u allura jekk kien hemm organu li seta' b'xi mod jikkonkretizza l-innifsi dan kien il-moħħ.[11]

Iżda r-reliġjon kellha ħsibijiet oħrajn.

Sa mill-era Medjevali l-Kotba Mqaddsa u l-kitbiet Patristiċi kellhom influwenza kbira u diretta fuq l-osservazzjonijiet xjentifiċi u fuq il-ġisem uman. It-Testment il-Ġdid huwa ċar ħafna fl-importanza li jagħti lill-qalb bħala ċ-ċentru tal-kuxjenza. Hekk, ngħidu aħna, l-ittra lil-Lhud tappella lill-qarrejja biex jersqu 'b'qalb sinċiera u bil-milja tal-fidi' u bi qlubhom 'imnaddfin minn kuxjenza ħażina' (Lhud 10: 22). Għaldaqstant, din il-kuxjenza wasslet lill-qalb biex tagħraf ħwejjeġ li l-moħħ ma setax isir jaf.[12]

L-istoriku Jacques Le Goff jagħti interpretazzjoni aktar politika tas-superjorità li l-Knisja Kattolika tat lill-qalb.[13] Le Goff ifakkar li fl-Antikwità l-metafora korporali kienet organizzata fi tliet partijiet: *caput* (ir-ras), *venter* (l-intern), u *membra* (l-idejn u r-riġlejn). Iżda l-metafora Nisranija bbażat ruħha biss fuq ir-ras u l-qalb. Fil-Kristjaneżmu, l-intern u l-istonku kienu assoċjati maż-żina, il-parti tal-ġisem li kellha tiġi mistmerra.[14] Kien hemm organizzazzjoni ġerarkika tal-partijiet differenti tal-ġisem: bil-moħħ (ir-ras) meqjum sew għaliex qiegħed fuq, il-qalb tieħu importanza kbira għaliex qiegħda fin-nofs, fil-post fejn jistrieħu l-forzi vitali tal-bniedem. Ir-ras serviet ta' metafora ta' Kristu: Kristu r-ras tal-Knisja kif jinstab fl-ittri ta' San Pawl lill-Efesin u l-Kolossin (Ef 4: 15-16; Kol 2: 9–10, 19).

Fil-Medju Evu, iżda, l-istess metafora, skont Le Goff, ħadet xejra purament

[10] W. Harvey, *Exercitatio Anatomica de Motu Cordis et Sanguinis in Animalibus*, Frankfurt, 1628.
[11] Ara R. Porter, *Flesh in the Age of Reason*, Londra, 2003, p. 52.
[12] Manning Stevens, p. 272.
[13] J. Le Goff, 'Head or Heart? The political use of body metaphors in the Middle Ages' (trad. Patricia Ranum) f'M. Feher, R. Naddaf, u N. Tazi (edi), *Fragments for a History of the Body*, Vol. 3, New York, 1989, pp. 12–26.
[14] Il-ħsieb Pawlin huwa prekursur ta' dan. Ara, per eżempju, l-ittra lill-Filippin, (Fil 3: 19).

politika. Dan kien iż-żmien meta l-Knisja u l-Kuruna kienu f'lotta ma taqta' xejn għall-poter. Le Goff jirreferi għall-kunflitt aħrax li tfaċċa fi tmiem is-seklu tlettax bejn Filippu IV ta' Franza u l-Papa Bonifaċju VIII.[15] Il-kunflitt ħa forma ta' botta u risposta permezz ta' trattati, fuljetti, u libelli. Fost dawn id-dokumenti, Le Goff jirreferi għal trattat bit-titlu ta' *Rex Pacificus*, miktub fl-1302, minn kittieb anonimu u simpatizzanti mar-re.[16] L-argument bażiku ta' dan it-trattat kien li bħalma l-bniedem għandu żewġ organi prinċipali – il-qalb u l-moħħ – hekk is-soċjetà: għandha l-Papa, li jixxebbah mar-ras (u hawn tidher il-korrispondenza mal-metaforizzazzjoni ta' Kristu bħala r-ras tal-Knisja) u r-Re, il-qalb tal-Istat li minnu toħroġ il-ħajja tal-poplu kollu. Ġaladarba d-demm kien meqjus bħala l-element l-aktar vitali għall-ġisem, allura l-vini tqiesu minn dan it-trattat bħala importanti aktar min-nervituri mqabbda mal-moħħ, u allura l-qalb tiġi superjuri għall-moħħ. B'hekk ir-Re huwa fuq il-Papa. Il-mediċina kontemporanja wkoll imxiet ma' din il-politika, jew saħħitha, permezz tat-twemmin li l-qalb tifforma fil-fetu qabel ma jifforma l-moħħ. Henri de Mondeville, il-kirurgu personali tar-Re Filippu IV, ma kellu ebda dubju li l-qalb kienet l-organu l-aktar importanti tal-ġisem.[17]

Din hija r-raġuni l-għala l-Moħħ Imqaddes ta' Kristu ma jidher qatt, filwaqt li qalbu tidher il-ħin kollu. Anki jekk il-mediċina Medjevali użat il-preċedenza tal-qalb biex tiffavorixxi lill-Kuruna fil-kunflitt tagħha mal-Knisja, il-Kristjaneżmu baqa' jisħaq huwa wkoll l-importanza tal-qalb u mhux tal-moħħ. Terġa', it-Testment il-Ġdid huwa mimli referenzi għall-qalb. Fuq kollox, il-lanza ta' Lonġinu, li wasslet biex joħroġ id-demm u l-ilma ta' Kristu, kienet immirata lejn il-qalb u mhux lejn il-moħħ tal-Imsallab. Anki jekk il-qalb, bħala muskolu, ma tistax tinkiser, referenzi għal qlub maqsuma nsibuhom kemm fil-kitbiet reliġjużi (il-kustat miftuħ ta' Kristu), fil-mitoloġiji (Kupidu li jispara l-vleġeġ u jferi l-qlub) u fil-metafora moderna, influwenzata minn dawn iż-żewġ eżempji, tal-qalb tal-maħbubin li titniffed bil-vleġġa meta mħabbithom tispiċċa jew lanqas għadha biss bdiet.[18]

## Tradizzjoni twila

Fir-referenzi għall-qalb u l-moħħ, allura, Dun Karm qiegħed iġorr tradizzjoni twila ħafna li tibda mill-bidu tal-Kristjaneżmu. Il-metafora tiegħu hija infurmata minn din l-istess tradizzjoni. Wieħed faċilment jinnota li fir-rendikont storiku ppreżentat hawnhekk, id-diskors dwar il-qalb tal-bniedem mexa ma' ieħor dwar il-Qalb ta'

[15] Le Goff, pp. 20–1.

[16] Nederman u Langdon Forhan jattribwixxu dan id-dokment lil Ġwanni ta' Pariġi. Ara C.J. Nederman u K.Langdon Forhan, *Readings in Medieval Political Theory: 1100–1400*, Indianapolis, 1993, 2000.

[17] Ara M. Pouchelle, *The Body and Surgery in the Middle Ages*, (trad. R. Morris), New Jersey, 1990; kif ukoll R. Sennett, *Flesh and Stone: the Body and the City in Western Civilization*, New York, 1996.

[18] Ara L. Young, *The Book of the Heart*, Londra, 2002, pp. 165–6.

Ġesù. Għalkemm dawn iż-żewġt iqlub jistgħu jidhru differenti ħafna, l-iżvolġiment tal-metafora u l-istima lejn il-qalb, jimxu id f'id mal-qima lejn il-Qalb Imqaddsa. Dan iseħħ ukoll fil-poema ta' Dun Karm li fiha s-simboliżmu tax-xewk madwar il-qalb mill-ewwel ifakkar fl-ikonografija Kristjana tal-Qalb Imqaddsa. Kif targumenta Young, il-qalb hija dak il-punt fejn il-bniedem u Alla jiltaqgħu, aktar u aktar, allura, il-Qalb ta' Ġesù, l-Alla magħmul bniedem.[19] Young targumenta wkoll li l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù, l-aktar kif bdiet tixxerred wara l-viżjonijiet ta' Santa Alacoque, awtomatikament ġabu qima lejn il-ġrieħi ta' Kristu u fil-kontemplazzjoni dwarhom il-fidili jibdew 'iħossu għal Kristu, u għaldaqstant iħossu bħal Kristu'. Dan jagħmlu Dun Karm ukoll meta jisma' l-kuxjenza tiegħu tkellmu lejn nofs il-poema:

> Kulħadd imsallab, għaliex Kristu msallab;
> Hu l-mudell; u min fit-tjieba tiegħu
> sawwar il-għaġeb tal-ħolqien u ħadem
> f'ġisem il-bniedem dik in-nisġa mżewqa
> ta' għadam, dgħif, għeruq u demm u nervi
> li jwieġbu ħelu għall-amar tar-rieda,
> ħeba ġo dak it-trab żerriegħa ċkejkna
> nebbieta tas-salib; u ma' kull ħajja
> ta' bniedem tikber dik is-siġra mħattba
> u twarrad għali, niket, dmugħ u dwejjaq
> bla tarf, sakemm fuq dik il-għuda ħarxa
> tintemm il-ħajja li nisslitha.(vv. 263–74)[21]

Hemm din ir-rabta, mela, bejn il-Qalb Imqaddsa u l-qalb tal-bniedem, rabta li diġà tidher fil-liturġija tas-seklu sbatax li ffukat fuq il-Qalb Imqaddsa bħala s-simbolu tal-umanità ta' Kristu. Din ir-rabta tidher ċara fil-poema: il-mod kif Dun Karm jikteb dwar qalbu huwa kollu influwenzat mit-tagħlim tal-Knisja dwar il-Qalb Imqaddsa. Fis-seklu għoxrin, il-Knisja tat importanza kbira ħafna lill-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù u kkummentat dwar ir-relazzjoni bejn il-Qalb ta' Kristu u l-qalb tal-bniedem. It-tagħlim tagħha jidher uffiċjalizzat f'numru ta' enċikliki, fosthom tnejn ta' Piju XI li nkitbu appuntu ftit snin qabel ma' Dun Karm beda jikteb 'Il-

[19] Young, p. 165.

[20] '*By contemplating the wounds and the Passion the devotee would start to feel for Christ, and thus to feel like Christ* ...' Ibid., p. 167.

[21] Ara wkoll il-qbil li hemm bejn din is-silta u l-istqarrija ta' San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Galatin meta jgħid: 'Għax jien bil-Liġi mitt għal-Liġi, biex ngħix għal Alla. Jien imsallab ma' Kristu' (Gal 2: 19).

[22] L-enċiklika *Haurietis Aquas*, li Papa Piju XII ħareġ fil-15 ta' Mejju 1956, mhux biss tagħti rendikont ta' kif il-Knisja rawment il-qima lejn il-Qalb Imqaddsa, imma tagħmel punt importanti ħafna: Kristu ħabb b'qalb umana. Sa ċertu punt, din l-enċiklika tibni fuq it-tnejn li Piju XI ħareġ fl-1928 u fl-1932 li, bla ebda dubju, bħala membru tal-Kleru, Dun Karm kien jaf tajjeb. (PP Piju XI, *Miserentissimus Redemptor*, enċiklika maħruġa fit-8 ta' Mejju 1928, u *Caritate Christi Compulsi*, enċiklika maħruġa fit-3 ta' Mejju 1932).

Jien u Lilhinn Minnu'.[22]

Dak li l-aktar li jispikka fil-qalb tal-poema huwa t-tbatija li tgħaddi minnha. Il-passaġġi fejn il-poema titkellem dwar il-qalb huma, ħafna drabi, passaġġi malinkoniċi ħafna li jagħtu deskrizzjoni tas-sofferenzi tagħha. Il-qalb tinstab tibki:

> 'minn fuq qalbi neħħi/l-għoqla ħarxa tad-dmugħ' (vv. 47–8)
> 'Meta ġo qalbi jagħli/id-dmugħ u jaqbeż minn għajnejja' (vv. 157–58).

Meta ma tibkix, tinstema' titnihed:

> 'Tniehdet l-oħra' (v. 241);
> 'U qalbi tniehdet: "Oh sahriet xitwija" (v. 360).

Drabi oħra tilmenta mill-uġigħ: 'anqas għall-qalb muġugħa / talba ta' faraġ' (vv. 68–9). Hemm ukoll drabi meta l-qalb tegħja tilqa' għall-pressjoni li qiegħda ssir fuqha: 'Għajjew għajnejja tħares bla ma tara, / u qalbi nfniet' (vv. 12–13), u 'jiena ninfileġ' (v. 258).

**Burdata Kiebja**

Ġeneralment il-burdata tal-qalb hija waħda kiebja ħafna bħalma jidher fil-kumment li l-poeta jgħaddi fil-bidu tal-poeżija meta jgħid li 's-sħana tax-xemx ma niżlitx f'qalbi' (v. 26); kif ukoll meta jgħid li l-għanja tar-rużinjol 'anqas ġo qalbi ma tefgħet is-sliem' (v. 58).

Dawn il-karatteristiċi li Dun Karm jagħti lill-qalb huma sinonimi mal-aspett Kristjan. Dan it-tnehid, din is-sofferenza, u l-uġigħ jirriflettu l-istess ilmenti li Santa Margerita Marija Alacoque semgħet tgħidilha l-qalb midruba ta' Ġesù meta dan dehrilha fis-16 ta' Ġunju 1675. Fl-appell tiegħu biex ixxerred il-qima lejn qalbu, Ġesù jgħid lill-qaddisa li kien fena qalbu jħobb lill-bnedmin, li qalbu kienet muġugħa għaliex aktar ma ħabbet aktar sabet ingratitudi.[23] L-imħabba – il-karatteristika ewlenija assoċjata mal-qalb (xi ħaġa li tinstab anki fl-Evanġelu) – tweġġa'. L-appell ta' Kristu lil Santa Margerita Marija Alacoque jinstema' diwi tiegħu f'wieħed mill-akbar versi tal-poema: 'L-imħabba tweġġa'; bint il-weġgħa l-hena'.

**L-Imħabba**

Ir-referenzi għall-imħabba jidhru ta' spiss fil-poema wkoll. Il-qalb, l-ewwel u qabel kollox, hija sors ta' mħabba. L-indirizz imqanqal li l-qalb tagħmel lill-moħħ jispiċċa bil-qalb timmarka d-differenza ewlenija bejniethom: il-moħħ huwa sors ta' għaqal, il-qalb tirfed lill-moħħ 'bil-qawwa tal-imħabba' (v. 260). Din l-imħabba, li tiġi

[23] Manning Stevens, pp. 274–5, u Young, pp. 209–10.

espressa bil-qalb, hija dak il-Lilhinn li l-poeta-fittiex qiegħed jaspira li jikseb. Din 'l-imħabba ma tmutx' (v. 382) jikteb Dun Karm f'diwi perfett għal dak li San Pawl jikteb fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin (1 Kor 13: 8–13). Il-konklużjoni li Dun Karm jiġbed dwar l-imħabba – li din tkompli anki lilhinn mill-mewt għaliex hija ikbar miż-żmien u l-wisa' – terġa' ġġib magħha x-xbieha tal-Qalb Imqaddsa:

Għidli, j'ommi,
li għadek tħobbni kif ħabbejtni dejjem,
li għad iżernaq jum ta' ferħ, ta' dija,
u qalbi u qalbek imsoffija bl-ilma
ta' ħniena kbira, isiru fjamma waħda
fin-nar ta' mħabba ta' bla tarf sabiħa! (vv. 394–99)

Ix-xbihat f'din l-aħħar silta jerġgħu jagħmlu referenza għax-xbieha tal-Qalb Imqaddsa. L-ilma li bih iż-żewġt iqlub jissaffew mill-ewwel ifakkar fl-ilma li jnixxi mill-kustat miftuħ bid-daqqa tal-lanza li tferi lill-qalb biex b'hekk l-imħabba u l-weġgħa jintrabtu flimkien. Il-fjamma tan-nar ta' mħabba li fihom jingħaqdu dawn l-istess qlub ukoll ifakkru fix-xbieha tal-qalb ta' Ġesù li tħeġġeġ in-nar ta' mħabba. Lill-qalb hawnhekk Dun Karm ineħħilha x-xewk, għax il-qalb tgħaddi mill-prova u bl-imħabba tibda riesqa lejn il-Lilhinn.